MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 337/2009

**Public Broadcasting Services Limited – C13140**

**vs**

**Vassallo Stephen**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ April tas-sena 2009 in forza ta’ liema intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, sitt mija u hames ewro u hamsin centezmu (€1,605.50c) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi lilu rezi. Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li konvenut, ghalkemm legalment notifikat, baqa’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

It-Tribunal sema' lix-xhud u cioe` rapprezentant tas-socjeta' attrici, Ramona Mamo De Giovanni, tikkonferma bil-gurament illi mid-data tal-prezentata sal-lum kien baqa' ma sar ebda pagament minn dak mitlub u ghalhekk l-ammont indikat f'din il-kawza kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

It-Tribunal innota wkoll li l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx u wisq anqas allura ikkontesta it-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elf, sitt mija u hames ewro u hamsin centezmu (€1,605.50c) bl-interessi legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------